KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 14**

**L-Erbgħa, 9 t'April 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill |
| Dr Alexander Borg Galea | Konsulent Ambjentali tal-Kunsill |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 14.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**14.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 14.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 12 u seduta 13)

**14.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 12 u seduta 13.

**14.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 12 ġew approvati unanimament.

**14.02.03** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-minuti ta' seduta 13 ġew approvati unanimament.

## 14.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

*Hawnhekk daħlet il-Kunsilliera Rohasia Zammit.*

**14.03.01** *Fencing tal-grawnd fil-Bajja s-Sabiħa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm bżonn jitranġa numru ta' fencing tal-grawnd tal-futbol fil-Bajja s-Sabiħa. Inġabret kwotazzjoni waħda mingħand l-istess supplier sabiex il-fencing il-ġdid jiġi jaqbel ma' dak li hemm preżenti. Semma wkoll li kellu laqgħa mal-MTA fejn dawn se jkunu qed jaħdmu pjan sabiex jgħinuna fl-installazzjoni tal-kameras f'din iż-żona ħalli b'hekk jitnaqqas il-vandaliżmu. Il-kwotazzjoni tammonta għal €1,062. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**14.03.02** *Fuljett tal-Kunsill*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Karel Zahra qed jaħdem fuq il-fuljett tal-Kunsill. Semma wkoll li kien hemm il-bżonn li tiġi aġġornata l-kwotazzjoni billi żdied l-ammont tal-paġni u nbidel il-ħsieb tad-disinn tiegħu. Inġabru 3 kwotazzjonijiet għal 2,000 kopja, bl-orħos waħda tkun dik A, li tammonta għal €1,260. Il-Kunsillier Zahra semma li n-numru ta' djar fil-lokalità huwa ferm iktar minn hekk, għalhekk dawn il-kwotazzjonijiet se jiġu riveduti għal 4,000 kopja. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**14.03.03** *Xogħlijiet t'elettriku fil-binja amministrattiva*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-binja amministrattiva hemm bżonn isiru xogħlijiet ta' dawl u installazzjoni ġdida tas-sistema tan-network. Inġabru 3 kwotazzjonijiet, bl-orħos waħda tkun dik A, li tammonta għal €3,980. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**14.03.04** *Spiża ta' servizzi tal-lift fil-binja*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-kuntratt tal-lift skada u għalhekk inġabret kwotazzjoni mingħand l-istess supplier. Ġie propost Plan 1. Il-kwotazzjoni tammonta għal €400 ta' sena u tinkludi 3 żjarat. Ġie rrimarkat li jsir ċertifikat ta' inġinier għax-xogħlijiet li jkunu saru. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**14.03.05** *Notice board*: Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li f'seduta preċedenti nqabel li jiġu riveduti l-kwotazzjonijiet tan-notice boards, fejn minn 6 inżilna għal 1. L-orħos

kwotazzjoni kienet dik B, li tammonta għal €590. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**14.03.06** _4 swivel bollards_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm bżonn isiru swivel bollards fix-xatt, biex f'każ ta' emerġenza ikun hemm iktar aċċessibbiltà. Inġabru 2 kwotazzjonijiet, billi wieħed mis-suppliers ma taniex risposta. L-orħos waħda kienet dik A, li tammonta għal €477.66 għal 4 bollards. Ġie deċiż li nġibu 10 bollards. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 14.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**14.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin fil-Bajja s-Sabiħa u talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħti aġġornament. Il-Kunsillier Alex Caruana beda biex qal li rigward ix-xogħol li għaddej fix-xatt mhuwiex sodisfatt bil-pass li qed jimxi x-xogħol. Semma li bejn Triq iż-Żibra u Triq Profs. Anton Tabone hemm ħofra kbira f'nofs ta' triq, li għamilha l-istess kuntrattur, li minħabba fiha ma tistax tgħaddi vettura. Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem mal-projects manager, fejn dan tal-aħħar qallu li se jitkellem mal-inġiniera sabiex tinfetaħ il-parti minn Triq Profs. Anton Tabone sal-għassa mill-aktar fis possibbli, però s'issa għad ma kellux risposta. Is-Sindku Scott Camilleri semma li sa Mejju dawn ix-xogħlijiet tax-xatt iridu jitlestew sal-kantuniera, fejn hemm is-Southvale, u jingħata wiċċ tat-tarmak. Ġie deċiż li x-xogħol fi Triq San Patrizju jibqa' għaddej fis-sajf sakemm it-traffiku jkun jista' jibqa' għaddej minn dik it-triq.

**14.04.02** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li fi Triq Birżebbuġa kellhom isiru 2 trinek il-wisa' kollha tat-triq biex jaraw x'servizzi hemm, però jidher li hemm problema għall-istorm water culvert għax hemm ħafna cables tal-Enemalta mgħoddijin. Barra minn hekk iridu jingħaddu rising mains tal-ilma ġodda minn hemmhekk. Semma wkoll li fejn hemm il-bus stop ta' San Ġorġ infetħet trinka biex jaraw x'servizzi hemm mgħoddijin diġà. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li ġew xi uffiċjali minn entitajiet differenti, fosthom tat-telekomunikazzjoni, Enemalta, WSC, PWD, u IM. Qal li billi din hija l-iktar parti dejqa tat-triq, u l-mod ta' kif qiegħed l-istorm water attwalment, mhuwiex possibbli li jsir ix-xogħol. Semma li għalhekk iridu jinfetħu ammonti ta' trinek iżgħar biex jaraw jekk l-angolu tagħhom varjax. Minn hemm, imbagħad, jiġi deċiż x'jista' jitneħħa jew jitmexxa. Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll li x-xogħol fi Triq in-Noqra se jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

**14.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li wara li ntbagħtet il-korrispondenza lill-perit u t-tmexxija tal-IM rigward it-tqegħid lura tal-bankina ta' San Ġorġ b'mod perikoluż, il-perit infurmat lis-Sindku Scott Camilleri li s-sitwazzjoni se tiġi mitigata. Huwa flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana reġgħu tkellmu magħhom rigward il-mattonċini (pavement blocks), billi li hemm bħalissa m'għadux ta' kwalità għax barra li ilu hemm għal żmien twil, dan inqala' u reġa' tpoġġa għal diversi drabi. Semma li peress li hemm bżonn kwantità kbira u m'għadux jiġi produċut, ġie deċiż li jsir kollu concrete print; minn tarf sa ieħor.

**14.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-ħofra li hemm quddiem il-pont tax-Shell tkissret mill-kuntrattur li ħadem fuq iż-żarmar tal-istess pont. Is-Sindku Scott Camilleri informa l-Ministeru u l-Enemalta, fejn din tal-aħħar se tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex din titgħatta.

**14.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fi Triq il-Port Ħieles ma sarx tarmak fejn l-istorm water minħabba li l-karozzi tal-linja kienu qed jikkawżaw damdim mal-art meta jgħaddu. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li propju llum kellmu l-perit tal-PWD responsabbli mill-proġett tal-istorm water għax Transport Malta ma ridux joħorġu l-permess biex isir l-asfalt peress li tgħaddi tal-linja. Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem miegħu biex l-ewwel issir nofs il-wisa' tat-triq u wara jkun jista' jsir in-nofs l-ieħor u b'hekk matul il-ġimgħa d-dieħla jingħata l-asfalt.

**14.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li IM bagħtu lista ta' toroq pendenti li għandhom isiru min-naħa tagħhom u min-naħa tal-Kunsill intbagħtet il-lista ta' kif iridu jsiru skont il-prijorità: Triq il-Fossili, Triq iż-Żurrieq, Triq Dun Ġorġ Zammit, car park fi Triq l-Arzella, Triq Mons. Spiru Penza, Triq ir-Rizzi, Triq Florence Nightingale, Triq G. Marconi, Triq il-Gandoffla, Triq Ġużeppi Despott, Triq il-Ħaddiema, Triq il-Madonna ta' Lourdes, Sqaq f'Bengħajsa, 2 sqaqien: Triq Tal-Ġebel, sqaq wara d-Dar ta' Pultu.

**14.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-PWD offrew li l-ħaddiema tagħhom jagħmlu x-xogħol li hemm bżonn fil-garaxx tal-Kunsill ta' Triq Tal-Papa, iżda l-materjal irid jieħu ħsieb li jinxtara mill-Kunsill. L-ispiża għal dan il-materjal hija ta' €2,995.73. Il-Kunsill Lokali approva din l-ispiża.

**14.04.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma s-sitwazzjoni fejn fi Triq Dun Ġorġ Zammit kien qed jitpoġġa ħafna skart minn blokka ġdida fuq bankina quddiem binja oħra. Huwa qal li quddiem il-blokka tal-appartamenti kien hemm 'Keep Clear' bay ta' 1.5 metru kwadru li kien applika għaliha resident sabiex ikun jista' joħroġ sew mill-garaxx tiegħu. Ir-residenti tkellmu bejniethom u dan ir-resident bagħat ittra lill-Kunsill sabiex iċedi din il-bay ħalli l-iskart jibda jinġabar minn hemm. Il-Kunsill approva din it-talba.

**14.04.09** Is-Sindku Scott Camilleri ġibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Tal-Papa rigward jekk għandhiex tiġi dħul biss jew ħruġ biss. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena u qal li s'issa għadu ma kellu l-ebda risposta billi l-perit li kien hemm mal-kuntrattur m'għadux jokkupa l-kariga tiegħu mal-istess kuntrattur. Ġie deċiż li napplikaw għal prova ta' 3 xhur għal dħul biss minn Triq Ħal Far lejn Birżebbuġa. Wara naraw kif ikun l-andament.

**14.04.10** Is-Sindku Scott Camilleri sellem lill-persuni li b'xi mod ġabu rikonoxximent lil Birżebbuġa matul l-aħħar ġimgħat. Huwa qal li l-għaqdiet talbu li ssir ċelebrazzjoni żgħira konġunta mal-Kunsill Lokali. Issuġġerixxa li din issir nhar is-Sibt, 26 t'April, għall-ħabta tas-18:00, fejn issir quddiesa ta' ringrazzjament u wara ssir iċ-ċelebrazzjoni esterna. Il-Kunsill Lokali se jieħu ħsieb id-dawl, 8 bistro tables, 150 siġġu, sound u tokens. Il-massimu tal-ispiża ma taqbiżx l-€2,500. Il-Kunsillier Karel Zahra se jieħu l-inkarigu sabiex ikellem il-kappillan rigward il-quddiesa. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din l-attività.

*Hawnhekk ingħaqad il-Kunsillier Darren Mark Debono.*

## 14.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**14.05.01** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija dwar jekk kienx hemm tweġiba għat-talba li kien għamel biex nistaqsu lil MATS jew MIA rigward l-ammont ta' ajruplani

li jgħaddu minn fuq Birżebbuġa ta' kuljum billi r-residenti, speċjalment dawk taż-żona Tal-Papa, qed jilmentaw fuq l-istorbju li dal-aħħar sar aktar frekwenti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li fl-20 ta' Frar 2024, is-CEO tal-MATS il-Perit Prof. Mallia kien infurmana li kienu għaddejjin xi xogħlijiet fir-runway u kkonferma li l-ammont ta' nżul u tlugħ ta' ajruplani kien ferm iżjed min-norma. Huwa kien semma wkoll li jekk il-Kunsill juri x-xewqa li jiltaqa' miegħu, tista' ssir laqgħa.

**14.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-ħruġ minn Triq Tal-Papa. Huwa semma li fis-seduti li għaddew ġie diskuss il-ħruġ mill-imsemmija triq għal Triq Ħal Far u xtaq ikun jaf jekk hemmx aġġornament dwar jekk sarux iktar diskussjonijiet dwar dan u kif se tittaffa s-sitwazzjoni perikoluża f'din iż-żona. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kif diġà semma iktar qabel, se ssir talba biex din issir dħul biss fuq prova ta' 3 xhur wara li nġibu l-permessi meħtieġa.

**14.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-Kunsill Lokali għat-tfal. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti aġġornament dwar il-Kunsill Lokali tat-tfal, speċjalment kemm applikaw tfal, jekk hux se jsiru u meta se jkunu l-laqgħat li jmiss, u jekk għadhomx qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Rohasia Zammit sabiex tagħti tweġiba għal dan. Hija semmiet li l-applikazzjonijiet għadhom miftuħin u mhumiex se jingħalqu. Għall-ewwel laqgħa daħlu 6 applikazzjonijiet iżda attendew 3 biss u ġew ukoll mistiedna għal-laqgħa li jmiss, li se tkun konferenza u se ssir fl-iskola sekondarja ta' Ħal Kirkop nhar is-Sibt, 12 t'April.

**14.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar l-emergency patching fi Triq iż-Żurrieq. Huwa qal li l-istat ta' din it-triq sejjer lura, speċjalment issa li qed jgħaddu wkoll tal-linja minnha. Semma li diġà sar xi patching fl-aħħar ġimgħat però hemm bżonn li jsir xi ħaġa li sservi iktar. Huwa staqsa jekk il-Kunsill jistax ikellem lill-awtoritajiet biex isir xi ħaġa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li saru diversi talbiet lill-PWD għall-patching u din it-triq hija waħda minnhom.

**14.05.05** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar l-antenni fil-park ta' Bengħajsa. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jgħid min hu responsabbli mill-antenni fiż-żona msemmija u jekk hux pjanat li jsir xi manutenzjoni fuqhom. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-MATS huma responsabbli minnhom u se jiġu diskussi fil-laqgħa li għad trid tintala.

## 14.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**14.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Marzu 2025.

**14.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar lill-Kunsill dwar id-data ta' Jum Birżebbuġa. Il-Kunsill Lokali qabel li din tkun is-Sibt, 20 ta' Settembru, filgħaxija. Dakinhar stess filgħodu hemm il-World Clean-Up Day.

## 14.07 Korrispondenza

*Hawnhekk il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea pparteċipa online.*

**14.07.01** Il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea ta spjegazzjoni dwar l-applikazzjoni PA8389/24, rigward proposta ta' żvilupp ta' sit vakanti fi spazju pubbliku miftuħ u snack bar fi Triq il-Qajjenza, kantuniera ma' Triq il-Kitarristi u Wesgħa Ramon Perellos. Huwa propona li ssir rappreżentazzjoni minħabba li s-sit jaqa' fiż-żona protetta minn lat ta' kultura u storja ħalli x-xogħlijiet li se jsiru jkunu kongruwenti mal-landscape tal-post u billi diż-żona se tkun spazju miftuħ jiġu assigurati l-ħinijiet tal-ftuħ għall-pubbliku. Is-Sindku Scott Camilleri talab li ssir sottomissjoni fejn jiġu kjarifikati xi punti bħal għal xiex tirreferi l-kelma 'public'; jekk hux public access jew public domain. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni dwar min se jkun responsabbli għall-playing area, min se jieħu ħsieb il-manutenzjoni u ż-żamma tal-ġnien, u min se jieħu ħsieb il-latrini t'hemmhekk. Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill u l-Għaqda Storja u Kultura huma favur dan il-proġett.

**14.07.02** Il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea tkellem dwar is-SICCA ta' San Luċjan. Huwa semma li din qiegħda screening stage u li fl-opinjoni tiegħu jbiddel is-siġar proposti għax ma tantx jagħmlu sens kif ġew pjanati u li dawn ma jridux ikunu indiġeni. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea biex jilħaq jipprepara r-rappreżentazzjoni ħalli tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

**14.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri għamel referenza għat-talba li saret mill-Għaqda Storja u Kultura rigward l-oġġezzjonijiet tas-sitwazzjoni tal-istrutturi illegali fuq art pubblika minn diversi stabbilimenti tal-ikel f'Wesgħa Carmelo Caruana u semma li fl-24 ta' Marzu l-MTA bagħtu korrispondenza li se jkunu qed jagħmlu spezzjonijiet ma' entitajiet responsabbli oħra, però ma seħħ xejn, għalhekk fit-3 t'April is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat reġa' bagħat tfakkira. Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa lill-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea dwar l-istabbiliment li applika għall-permess tal-canopy iżda l-planning application m'hemmx informazzjoni fuqha. Il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea wieġeb li se jiċċekkja dwar din.

**14.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri għamel referenza għall-korrispondenza li daħlet mill-AKL rigward il-ġbir tal-karti tal-identità mill-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat issuġġerixxa li norganizzaw trasport bil-booking għar-residenti li m'għandhomx trasport biex jitwasslu l-Identità. B'hekk il-Kunsill ma jidħolx f'responsabbiltà bla bżonn u fl-istess ħin ir-resident ikun moqdi wkoll. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

**14.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri għamel referenza għall-korrispondenza mill-AKL rigward il-ħlas tal-kontijiet tal-ARMS fil-Kunsilli Lokali. Huwa qal li wara li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, u rajna li dawn se jkunu qed isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill u mhux minn persuni mibgħuta, ġie konkluż li l-Kunsill m'għandux jaċċetta li jilqa' dawn il-ħlasijiet la s-servizz jista' jingħata mill-fergħa tal-posta tal-lokal. Il-kunsilliera preżenti qablu li jibqgħu jitħallsu l-posta.

**14.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Viċi Sindku Josette Busuttil bagħtet korrispondenza wara li rċeviet talba minn xi residenti biex tersaq ftit iż-żona tal-għawm ħalli jkunu jistgħu jistadu. Il-kunsilliera preżenti ma qablux ma' din it-talba.

**14.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-injam tad-dawra tal-iskatepark qed ifaqqa' kollu. Semma li bħal dan l-injam m'hawnx fis-suq. Huwa ssuġġerixxa li niċċekkjaw jekk

hux possibbli jimtela bit-torba u jingħata l-konkos fil-wiċċ. Is-Sindku Scott Camilleri se jiċċekkja mal-perit. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

**14.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza minn TM sabiex il-Kunsill jissottometti l-applikazzjoni neċessarja ħalli ssir zebra cross fi Triq Salvatore Cachia Zammit billi rċeviet ilment mingħand resident li spjega li t-triq hija perikoluża biex taqsam minnha. Il-Kunsillier Alex Caruana talab kopja ta' din l-email u se jkun qed jara fejn l-aħjar li ssir wara li jitkellem ma TM.

**14.07.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm inċident fil-latrina ta' Wied il-Buni, fejn kien hemm xi barrani li ma riedx joħroġ mil-latrina u hedded lill-attendant. Huwa semma wkoll li ntbagħat rapport uffiċjali mill-Kunsill lill-pulizija u qegħdin fil-proċess li jitwaħħlu l-kameras.

**14.07.10** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li hemm permess, li ilu maħruġ minn Frar tal-2024, biex issir zebra cross quddiem il-ħanut Miracle Foods f'Dawret il-Qalb Imqaddsa. Semma li l-perit li kien qed jikkordina miegħu m'għadux jaħdem mal-perit tal-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li qabel isiru l-linji, iż-żona għandha tkun imdawla kif suppost. Il-Kunsillier Alex Caruana se jieħu ħsieb li javża sabiex isiru l-linji wara li jkun hemm id-dawl meħtieġ.

**14.07.11** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra jispjega dwar il-korrispondenza li bagħat rigward tmexxija ta' disabled parking komunali fi Triq San Filippu. Il-Kunsillier Karel Zahra semma li fl-imsemmija triq hemm disabled parking komunali u l-bini li hemm warajh se jaqa'. Għalhekk dan irid jiċċaqlaq għal parking 'il fuq b'mod temporanju wara li nġibu l-permessi minn TM. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din it-talba.

**14.07.12** Is-Sindku Scott Camilleri semma li se tintbagħat korrispondenza lil TM rigward Triq it-Tankijiet fejn hemm sitwazzjoni ta' double yellow lines quddiem il-garaxx numru 13, sabiex jinżlu l-uffiċjali fuq il-post jieħdu l-qisien u jaraw jekk ir-resident għandux raġun jew le. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li meta għamel kuntatt ma' TM qalulu li fil-każ il-Kunsill jagħmel it-triq kollha double yellow line, minn fuq s'isfel. Hu qalilhom biex f'dak il-każ jinżlu l-uffiċjali fuq il-post u jiddeċiedu huma ħalli l-Kunsill ma jiħux ir-responsabbiltà fuqu.

**14.07.13** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fi Triq il-Port Ħieles (in-naħa Tal-Papa) fil-passat ġie diskuss biex il-parkeġġi jsiru la ġenba biex jidħlu iktar parkeġġi. Huwa semma li hemm il-pjanta lesta u se tiġi preżentata lil TM.

**14.07.14** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill ġie avviċinat mill-għaqda tas-sajjieda fejn dawn issuġġerew li jirranġaw iċ-charging pillar tas-sistema solari minn buthom. Il-Kunsillier Karel Zahra semma li l-Kunsill irid javżahom li maż-żmien hemm ċans li dan jiċċaqlaq. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din l-inizjattiva.

**14.07.15** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet talba għal għajnuna finanzjarja, li tammonta għal €450, mingħand it-tim tal-futbol Saints. Il-Kunsillier Ivan Abela Grech intervjena billi qal li hu diġa kellimhom u spjegalhom li l-Kunsill ma jistax jisponsorja. Għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba.

**14.07.16** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li ġiet avviċinata minn resident li fi Triq Sant'Anġlu hemm disabled parking bay ikbar min-norma u li rari jintuża, għalhekk issuġġerixxa li dan jitneħħa. Is-Sindku Scott Camilleri ħareġ bl-idea li titwaħħal tabella temporanja għal għaxart (10) ijiem li dan il-parkeġġ se jitneħħa. Jekk ma jkunx hemm oġġezzjonijiet mir-residenti dan jitneħħa. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' dan is-suġġeriment.

## 14.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**14.08.01** Xejn.

## 14.09 Quarterly Report (Jannar – Marzu 2025)

*Hawnhekk is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**14.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq il-quarterly report ta' bejn Jannar u Marzu 2025, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwar il-quarterly report.

**14.09.02** Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa lill-accountant is-Sa Doreen Mintoff jekk irċivejniex dettalji fuq il-personal emoluments. Hija wieġbet li rċivejna kollox u qegħdin fil-proċess li jinħadmu sabiex jiġi emendat il-budget.

**14.09.03** Il-quarterly report ta' bejn Jannar u Marzu 2025 ġie approvat unanimament mill-kunsilliera preżenti.

## 14.10 Audited Financial Statements 2024

**14.10.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff spjegat li ma kienx hemm aġġustamenti u l-figuri baqgħu kollha l-istess.

**14.10.02** L-audited financial statements 2024 ġew approvati unanimament.

## 14.11 Reply għall-Management Letter 2024

**14.11.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff tat spjegazzjoni qasira rigward ir-risposta li se tingħata dwar il-management letter wara li sar l-awditjar fil-ġimgħat li għaddew.

**14.11.02** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff semmiet punt rigward l-ammont li l-Kunsill għandu jirċievi mingħand Żurrieq Joint Committee. L-ammont huwa dak ta' €67,619. Din il-problema għadha ma ssolvietx, minkejja li anke d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali intervjeniet u li sa issa għadu ma kienx hemm qbil bejn dawk kollha li kienu involuti f'dan il-Joint Committee. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk il-kumitat għandux dan il-bilanċ. L-accountant is-Sa Doreen Mintoff wieġbet li dan il-kumitat m'għandux dan l-ammont. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li fuq din hemm investigazzjoni pendenti.

**14.11.03** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff semmiet il-kwistjoni ta' Alfred Schembri, fejn fil-leġiżlaturi tal-passat il-Kunsill ta' dak iż-żmien kien żamm il-pagamenti minħabba issue fit-tender l-antik. Din il-kwistjoni kienet ġiet diskussa f'seduti preċedenti.

**14.11.04** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff semmiet li hemm xi invoices pendenti mir-Reġjun li huma relatati mal-waste rejection u li r-Reġjun stess kien ordna biex ma jitħallsux. Għal xi raġuni r-Reġjun daħħalhom fil-kotba tiegħu u għalhekk il-Kunsill mhux qed jaqbel ma' dal-bilanċ. Waqt l-awditjar il-Kunsill preżenta l-korrispondenza kollha lill-awdituri fejn jingħad li dawn l-ammonti ma jridux jiġu mħallsa. Peress li l-awdituri sabu din id-diskrepanza se jkollhom inizzluha fil-management letter. L-accountant tenniet ukoll li hemm bilanċ minnhom li huwa relatat mas-sena 2023, jiġifieri fl-2024 l-ammont żdied iktar.

**14.11.05** Is-Sindku Scott Camilleri rringrazzja lis-Sa Doreen Mintoff, lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-istaff amministrattiv għall-mod ta' kif imxiet il-ħidma fiż-żmien tal-awditjar u li l-ftit problemi li baqa' ma ssolvewx, għalkemm sar minn kollox biex jiġu solvuti, huma ta' natura li tieħu ħafna żmien u ma kienx jiddependi biss mill-istaff tal-Kunsill.

## 14.12 Proġetti, Attivitajiet u Skemi

**14.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament rigward Festa Bengħajsa. Huwa talab lill-kordinatur tal-attività s-Sur Terrence Cutajar sabiex jagħti spjegazzjoni ta' x'ħa jsir. Is-Sur Terrence Cutajar beda billi semma li se jkun hemm tal-linja mill-antiki li se tkun qed iddur mar-raħal fil-ħinijiet tal-quddiesa tal-parroċċa. Din se tkun qed tistenna għal kwarta wara li tispiċċa l-quddiesa biex imbagħad iddur dawra ma' Birżebbuġa u titla' ħdejn Bengħajsa. Spjega li se jkun hemm il-farmers' market, esebizzjoni ta' vetturi u karrijiet ta' żmien il-gwerra. Aktarx ukoll se jkun hemm esebizzjoni tal-annimali però din għad trid tiġi konfermata. Se jkun hemm food trucks, tal-ħelu, trampoline u bouncing castles għat-tfal, ferrovija, etċ. It-tberik tal-annimali se jsir quddiem il-knisja. Semma wkoll li qed jaħdem mal-uffiċjal tas-saħħa u sigurtà fuq ir-risk assessment. Huwa pjanat li l-programm jibda fid-09:30 u jiġi fi tmiemu għall-ħabta tas-14:30. Bejn id-09:30 u l-10:30 se jkun hemm il-banda bit-tberik tal-annimali. Fid-09:30, għalkemm għadha mhix konkluża, qed jaħdmu sabiex ikun hemm il-murtali bħala tislima għan-nies ta' Birżebbuġa. Fl-10:30 se jkun hemm re-enactment tat-Tieni Gwerra Dinjija li se jdum nofs siegħa u se jirrepeti ruħu darbtejn. Mill-11:00 sa s-13:00 se jkun hemm il-kantant. Mis-13:00 sa s-13:30 se terġa' ssir il-parti tar-re-enactment. Imbagħad mis-13:30 sa s-14:30 se jkun hemm il-kantanta flimkien mal-kitarristi. Il-Kunsillier Karel Zahra se jieħu ħsieb jikkordina mal-kappillan rigward il-quddiesa u l-bankarelli. Is-Sindku Scott Camilleri esiġa li l-ħaddiema assenjati, l-istaff amministrattiv u l-kunsilliera kollha jkunu preżenti għal din l-attività.

*Hawnhekk il-Viċi Sindku Josette Busuttil ġiet skużata mil-laqgħa.*

**14.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra jagħti aġġornament dwar l-iskemi:

1. *SPI/SCI/2/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026*
    - Din ittellgħet fis-seduta preċedenti. Applikajna bħal ta' Festa Bengħajsa.

2. *<u>SPI/SCI/3/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa</u>*
   - Din il-clean-up se ssir fl-20 ta' Settembru 2025.

3. *<u>SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025</u>*
   - Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għall-Milied jiġi organizzat kunċert fejn ngħaqqdu l-għaqdiet volontarji tal-baned kif ukoll kor. Għal dan il-kunċert se tintuża parti mill-iskema għall-armar u jekk hemm il-possibbiltà, isir presepju artistiku.

### 14.13 Bye-laws

**14.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-bye-law tal-beverage containers se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**14.13.02** Is-Sindku Scott Camilleri ressaq draft tal-bye-law tal-car park il-ġdid tal-Freeport. Dan l-abbozz ġie diskuss bejn il-kunsilliera kollha preżenti u sar qbil unanimu fuqu. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu sabiex jibda l-proċess billi din tintbagħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat intervjena billi semma li qabel ma jkollna l-bye-law, il-kuntratt tal-car park ma jistax jiġi fis-seħħ. It-tender jagħlaq fil-25 t'April 2025.

### 14.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**14.14.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty cash:*

**14.14.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsilliera Rohasia Zammit, u sekondata mill-Kunsilliera Maria Mifsud, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

### 14.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**14.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fid-21:15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2025.**

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |